MINUTI

KUNSILL LOKALI SWIEQI

IS-SEBGHA KUNSILL 2015-2018

SEDUTA NUMRU 24- Kontiwazzjoni

L-ERBGHA 6 TA' LULJU 2016 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL

PREŻENTI:

Is-Sinjuri:

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| JUSTIN FENECH | VICI- SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER -5.20PM |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| THERESA VALENTINO | KUNSILLIER |
| MAURO MICELI | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier M.Abela infurmat li se tattendi tard ghal din is-Seduta minhabba li kienet se tattenmdi ghal laqgha organizzata mit-TM rigward ir-rotott alternattivi provduti minhaba l-Progett tal-Kappara.

Il-Kunsillier M. Fava informa li huwa mhux se jkun jista' jattendi ghal din is-seduta minhabba li irrid jkun prezenti ghall-istess laqgha ta' TM kif ukoll ghal-laqgha mportanti ohra mir-Regjun ezatt wara.

**Is- Sindku qal it-talba.**

Il-Kunsillier P. Fenech talab sabiex issir sospenzjoni ta' l-Agenda halli s-Sindku jkun jista' jispjega fid-dettal rigward l-applikazzjoni ta' zvillup f' Wied il-Kbir. Il-Kunsillier M. Miceli issekonda din il-proposta. Kien hemm qbil ununanimu minn dawk prezenti.

Is- Sindku informa li ghada nhar il-Hamis 7 ta' Lulju 2016, fl-Awtorita ta' l-Ippjanar se ssir laqgha mal-Bord ufficjali dwar dan il-progett.Huwa spjega li l-pjanti originali sottometti inbidlu jumejn biss qabel ma' dawn kienu se jigu diskussi u ghalhekk ma kienx hemm zmien adekwat biex dawn il-pjanti jigu vverifikati u ezimanti b'mod professjonali. Hu ssostna wkoll li l-art li fuqha huwa propost dan l-izvillup huwa meqjus bahla ODZ. Wara diskuzzjoni, gie deciz unanimament li b'mod immedjata tinhareg stqarrija ufficjali mill-Kunsill rigward dan l-agir. Il-Kunsillier M. Miceli prepara din l-istqarrija u baghtha mal-ewwel lill-gazetti kollha lokali ( kopja anessa- App.A).

## I RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsillier rrefera ghall-ittra li l-Kunsill ircieva ricenti rigward l-applikazjoni ghall-attivitajiet sabiex jaghmlu parti mill-progett ta' Valletta'18. F' din l-ittra gie ndikat li l-applikazzjoni ta' dan il-Kunsill ma gietx milqugha. Huwa nforma li f'din l-applikazzjoni, dan il-Kunsill kien talab sabiex jorganizza kuncert muzikali simili ta' dak li ttella ricentament fis-sala tal-Kunsill. Huwa nforma li dan il-kuncert kien wiehed ta' success. Rigward din il-materja, il-Kunsillier ipprezenta rapport idettaljat li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bhala App. B.

Mill-Kunsillier T. Valentino

1. Il-Kunsillier T. Valentino infurmat li r-rapport li pprepara l-Perit tal-Kunsill dwar il-blat li hemm fi Triq ix-Xiber k/m Triq il-Qawsalla, issa ntbaghat lill-Avukat tal-Kunsill ghall-parir legali dwar ta' min hi r-responsabilta' tal-qtugh tal-blat li qieghed fuq naha ta' barra tal-boundary wall tal-villa.

2. Rigward il-progett propost ghall-bini tal-Medical Stores fil-Madliena, hija infurmat li saret laqgha fil-Kunsill. Il-Kunsillier M. Abela qrat il-Minuti li ttiehdu waqt din il-laqgha. Hija nfurmat li wara din il-laqgha saret laqgha ohra li ghaliha kienu prezenti s-Sindku, il-Kunsillier T. Valentino u l-Kunsillier M. Abela. Hija nfurmat li l-Perit A. Valentino hejja rapport idettaljat li ga giet pprezentat lill-PA.

3. Il-Kunsillier T. Valentino infurmat li nhar it-22 ta' Lulju'17 mis-19.30 'il quddiem se titella l-attivita' fil-Madliena. Iktar tard se jinghata l-porgramm ufficjali ta' din l-attivita'.

HUGH ZAMMIT — NOEL MUSCAT
SEGRETARJU EŻEKUTTIV — SINDKU

**I RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier ipprezenta rapport idettaljat li se jkun aness ma' dawn il-minuti bhala App. C rigward xi affarijiet li qed jigu diskussi kif ukoll tal-hidma tieghu mill-ahhar seduta tal-Kunsill.

Il-Kunsillier A.Curmi talab sabiex jkun skuzat. Il-hin kien 7.15pm.

Mill-Kunsillier M. Abela

**1.** Il-Kunsillier infurmat li hija attendiet ghal-laqgha li giet organizzata llum mit-TM rigward il-porgett tal-Kappara. Hija nfurmat li waqt din il-laqgha gie mniedi li se jsiru aktar rottot sabiex kemm jista jkun titnaqqas l-inkonvenjenza lis-sewwieqa peress li Sliema Road se tkun ukoll maqghluqa f' xi hinijiet. Waqt din il-laqgha, hija sahqet li wahda mit-toroq li se tkun uzata frekwenti mis-sewwieqa fil-lokalita taghna, ghadha tinsab fi stat dizastruz; l-ufficjali ta' TM infurmaw li din il-materja qieghda tigi diskussa internament.

Il-Kusnillier M. Abela talbet sabiex tigi skuzata. Il-hin kien 7.25pm.

Mill-Kunsillier M. Miceli

1. Il-Kunsillier informa jekk kienx hemm xi zvillupi dwar it-talba li ressaq dan il-Kunsill lill-Ministru kkoncernat sabiex jkun permess li dan il-Kunsill jaghmel parti mir-Regjun Centrali flok dak ta' Tramuntana. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li sa llum, ma saret l-ebda kommunikazzjoni mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar din il-materja u fil-fatt se jibghat reminder.

2. Huwa nforma jekk ingabrux xi kwotazzjonijiet sabiex l-istaff tal-Kunsill jkun jista' jaghmel il-kors ta' l-ewwel ghajnuna. Is- Segretarju Ezekuttiv pprezenta 3 kwotazzjonijiet. Wara li dawn il-kwotazzjoni giew ezaminati bir-reqqa mill-istes Kunsillier u irrakomanda li ghandha tintgahzel l-offerta ta' Red Cross peress li hija l-aktar wahda vantaggjuza u eqreb ta' din il-lokalita'. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigi li jaghmel il-kuntatti neccessarji.

3. B' referenza ghall-applikazzjoni li prepara huwa sabiex dan il-Kunsill jkun parti mill-EU Citizens, il-Kunsillier informa li sfortunatament din l-applikazzjoni ghal din id-darba ma gietx milqugha. Huwa nforma li se jaghmel tentattiv iehor iktar 'il quddiem.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**I RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier M. Miceli- ikompli

4. Il-Kunsillier informa li ta' spiss qed jircievi lmenti li xi sewwieqa qed jinjoraw totalment s-sinjali tal-one-way fi Triq il-Hemel. Ghaldasqtant huwa ssugerixxa sabiex jekk hu possibli jitkabbru dawn is-sinjali u jsiru ta' 90'' minflokk dawk ezistenti. Huwa ssugerixxa sabiex nistaqsu lill-LESA dwar il-possibilta; li tigi installata CCTV camera f' din iz-zona kif ukoll ghall-iktar sorvellejnza ta' gwardjani lokali. Il-Vici Sindku nforma wkoll li huwa personalment ircieva diversi lmenti dwar din il-materja u bghat lil-LESA diveri ritratti u informazzjoni dwar is-sewwieqa li inqabdu fil-fatt jabbuzaw minn din is-sistema. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jikkuntattja lil-LESA.

Mill-Vici Sindku

1. Il-Vici Sindku staqsa jekk kienx hemm xi zvillupi godda rigward il-bye-law proposta dwar l-uzu ta' kontenituri tal-hgieg fit-toroq tal-lokalita' taghna. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li skond l-ahhar informazzjoni li inghata mid-Direttu ghall-Gvern Lokali, din il-materja kienet se tigi diskussa mis-sezzjoni legali tad-dipartiment ikkoncernat. Huwa nforma li se jibghat reminder lid-Direttur.

2. Huwa rrefera li x-xibka li se tintuza fi tennis court waslet u ghandha titwahhal fi zmien qarib.  Ghaldaqstant, il-Vici Sindku talab sabiex jitnaddaf sew it-tennis court. Is-Segretraju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jaghmel kuntatt ma' xi persuni li jistghu jaghmlu dan it-tindif bil-power wash.

3. Rigward l-amministrazzjoni ta' tennis court, il-Vici Sindku nforma li dal-waqt se jitwaqqaf kumitat mill-Assocazzjoni tal-clubs fil-lokalita. Huwa nforma wkoll li giet estabililta l-arma ufficjali ta' dan il-Kumitat u dwar dan se ssir laqgha ma' l-ufficjal responsabli mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

4. Il-Vici Sindku nforma li qed jigu ffinalizzati l-ahhar pagni ta' l-edizzjoni li jmiss tal-magazine tal-Kunsill flimkien mal-Kunsillier A. Curmi.

5. Rigward is-sejha ta' l-offerti ghall-installazjoni ta' CCTV Cameras fil-lokalita', huwa nforma li huwa ffinaliza dan id-dokument pero' ghadhom ghaddejjin kuntatti ma' l-MTA dwar dan il-progett.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV**

1. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li l-interviews sabiex tintghazel wahda mill-iskrivani ghal pozizjoni ta' skala 11, se jsiru nhar il-Hamis 14 ta' Lulju fis-13.00. Ghaldasqtant dawk kollha li jixtiequ jkunu prezenti, jistghu jaghmlu dan. Huwa nforma wkoll li fl-istess gurnata se jsiru wkoll l-interviews ghall-impjieg taht l-iskema li nieda l-Gvern Centrali ghall-persuni b'dizabilta'.

2. Huwa nforma bil-problema tal-bieb tal-hgieg li hemm fl-entarturta tal-Kunsill fejn il-haddiem infurmaw li sabiex dan jigi installat b'mod professjonali, hemm bzonn li jinqata bicca mill-koxxa tal-genb. Wara diskuzzjoni, gie deciz li ghandhom jsiru dawn ix-xoghlijiet.

3. Huwa pprezenta l-kont tal-kuntrattur Simon Sammut ( €2415.47) ghal xi xoghlijiet infrassturutali li saru fil-lokalita'. Is- Segretarju Ezekuttiv staqsa sabiex dan il-kont jithallas. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li l-kuntratti tghas-servizzi ta' knis u qtugh ta' haxix u ghall-Accountant ser jaghlqu. Ghaldaqstant huwa se jipprepara ghas-sejhiet pubbbliku ta' dawn il-kuntratti.

5. Is- Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li se jibda l-process ghal Segretarju Ezekuttiv gdid peress li l-kuntratt tieghu se jittermina fil-31 ta' Dicembru 2016 u qabel dan iz-zmien is-Segretarju Ezekuttvi ghandu dovut ukoll il-pre retirement leave li jammonta ghal 56 gurnata ta' hidma.

6. Huwa ressaq ukoll claim ta' hsarat ta' vettura minn sewwieq li kien qieghed fiz-zona ta' Victoria Gardens,dawn il-hsarat saru mal-kurduni u tkissir ta' parti minn bankina tal-gnien. Il-Kunsill idecieda li din ghandha terga' tigi diskussa fis-seduti li jmiss.

**Din is-Seduta spiccat fid-20.45 u b'mod unanimu minn dawk prezenti gie deciz li s-Seduta li jmiss ssir nhar l-Erbgha 20 ta' Lulju 2016 fil-17;00.**

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**